**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Numru 14**

**Avviz numru 610/01**

**Metalfit Company Ltd.**

**vs**

**Aluminium Extrusions Lmited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm361.31,0 (tlett mija u wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjati.

Illi s-socjeta' attrici kienet bieghet oggetti lis-socjeta konvenuta ghall-prezz ta' sitt mija wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm661.31) liema oggetti gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet hallset is-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) akkont tal-prezz u ghalhekk baqa' bilanc ta' tlett mija wiehed u sittin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm361.31).

Illi s-socjeta' attrici kienet irceviet cheque mahrug minn socjeta' ohra Almeco Ltd. datat 10 ta' April 2001 ghall-bilanc ta' Lm361.31 izda dan l-imsemmi cheque ma giex imsarraf billi ma kienx hemm bizzejjed fondi fil-kont bankarju sabiex dan c-cheque seta' jigi onorat.

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghadha debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm361.31 u minkejja illi giet interpellata kemm il-darba sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma fuq indikata ta' tlett mija wiehed u sittin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm361.31).

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tal-21 ta' Gunju 2001 u tal-10 ta' Lulju 2001 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Stefan Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**